DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-16 ta'Ġunju 2016

li taħtar seba' membri tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel

(2016/C 223/08)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 25(1) tiegħu,

Billi:

(1) Huwa essenzjali li jiġu żgurati l-indipendenza, il-kwalità xjentifika għolja, it-trasparenza u l-effiċjenza tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA). Il-kooperazzjoni tal-EFSA mal-Istati Membri hija wkoll indispensabbli.

(2) Il-mandat għal seba' membri tal-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA se jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2016.

(3) Il-lista ta' kandidati ppreżentata mill-Kummissjoni ġiet eżaminata bil-għan li jinħatru seba' membri ġodda tal-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA abbażi tad-dokumentazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni u fid-dawl tal-fehmiet espressi mill-Parlament Ewropew. L-għan huwa li jiġu żgurati l-ogħla standard ta' kompetenza, firxa wiesgħa ta' għarfien espert rilevanti, pereżempju fil-ġestjoni u fl-amministrazzjoni pubblika, u d-distribuzzjoni ġeografika l-aktar wiesgħa possibbli fi ħdan l-Unjoni.

(4) L-Artiklu 25 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 jirrikjedi li erba' membri tal-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA jkollhom esperjenza f'organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lil konsumaturi u interessi oħrajn fil-katina alimentari. Mis-seba' membri li l-mandat tagħhom jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2016, wieħed minnhom għandu tali esperjenza. Jeħtieġ għalhekk li dan il-membru jiġi sostitwit minn membru li jkollu l-istess esperjenza,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni li ġejjin b'dan jinħatru membri tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2016 sat-30 ta' Ġunju 2020:

— Aivars BĒRZIŅŠ

— Zita ČEPONYTĖ (*)

— Didier HOUSSIN

— Jaana HUSU-KALLIO

— Giuseppe RUOCCO

— Andrej SIMONČIČ

— Michael WINTER.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-16 ta' Ġunju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

L. F. ASSCHER

(*) Bl-esperjenza f'organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lil konsumaturi.

[1] ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.